MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 573/2013

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Silvia BOUNDS [ID. Nru. 60682A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-20 ta' Settembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' sitt mija tmienja u disghin euro u erbgha u erbghin centezmi ta' euro [€698.44] u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin ewro u erbgha u erbghin centezmi (€698.44) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40164911 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 –estratt mir-

Registru Elettorali, u Dok. IZY 4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna bil-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni, ma kkontestatx it-Talba fit- terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-20 ta’ Novembru, 2013, nhar it-8 ta’ Jannar, 2014 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-8 ta’ Jannar, 2014 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ sitt mija tmienja u disghin euro u erbgha u erbghin centezmi ta’ euro [€698.44], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------